Malta NSO
National Statistics Office
Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika

# AVVIŻ TA' TAGĦRIF GĦALL-ISTAMPA

**02 ta' Ġunju 2026**

## Stqarrija ta' Kjarifika dwar Rappurtar Riċenti fil-Midja

Qegħdin noħorġu dan l-Avviż ta' Tagħrif għall-Istampa biex niċċaraw nuqqas ta' ftehim li seta' kien hemm dwar l-Istqarrija tal-Aħbarijiet *NR 096/2026: Ir-Rata tal-Qgħad: April 2026*, li ħarġet fl-1 ta' Ġunju 2026.

Nixtiequ ngħarrfu li d-data tal-ħruġ ta' din l-istqarrija baqgħet kif kienet skedata fil-kalendarju online tagħna tal-istqarrijiet tal-aħbarijiet li jingħata sitt xhur bil-quddiem. Kull suġġeriment bil-kontra ta' dan huwa falz u qarrieq. Għal darb'oħra, nisħqu li żewġ stqarrijiet tal-aħbarijiet biss, oriġinarjament skedati għad-29 ta' Mejju, ġew posposti mill-NSO, kif imfisser fl-Avviż ta' Tagħrif għall-Istampa tas-27 ta' Mejju *'Tagħrif dwar l-Iskedar mill-ġdid tal-Istqarrijiet tal-Aħbarijiet Skedati'*. Dawn kienu:

- Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar-April 2026 (skedata mil-ġdid għat-03 ta' Ġunju 2026)
- Il-Qgħad Irreġistrat: April 2026 (skedata mil-ġdid għall-04 ta' Ġunju 2026)

Dan l-Uffiċċju jisħaq ukoll li l-istatistika maħruġa f'NR 096/2026: *Ir-Rata tal-Qgħad: April 2026* hija bbażata fuq id-definizzjoni tal-qgħad tal-Għaqda Dinjija tax-Xogħol (ILO) u għalhekk mhix direttament komparabbli mal-istatistika dwar *Il-Qgħad Irreġistrat: April 2026*, li ħierġa fl-04 ta' Ġunju. L-utenti huma avżati biex iqisu din id-distinzjoni meta jinterpretaw ir-riżultati minn dawn iż-żewġ stqarrijiet. Nixtiequ nfakkru wkoll lill-utenti li tagħrif fid-dettall dwar il-kompilazzjoni ta' din l-istatistika jingħata fin-noti tal-metodoloġija li jinsabu ma' kull stqarrija tal-aħbarijiet.

Bħal dejjem, il-partijiet interessati huma inkoraġġuti jfittxu l-għajnuna teknika tal-NSO meta jkunu qegħdin jaraw l-istqarrijiet maħruġa mill-Uffiċċju.